

Waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Nikol Cauchi Isqof Emeritu għal Għawdex flimkien mal-Kappillani tal-Isptar Ġenerali t’Għawdex.

# Festa tas-Sagra Familja

Nhar il-Ħadd, 1 ta’ Frar, filgħodu, fl-Isptar tal-Ibrag, ir-Rabat, Għawdex, ġiet iffestiġġjata l-Festa ad unur Is-Sagra Familja.



Grupp ta’ Bandisti li bid-daqq tagħhom ferrħu lill-morda.

Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-Kappillani kollha tal-Isptar Ġenerali, Mons. Ruzar Borg (Fontana), il-Kanonku Michael Mintoff (Għasri), il-Kanonku George Farrugia (Xagħra), Mons. Franġisk Debrincat (Munxar), Fr Joe Cardona (Nadur) u Fr John Muscat (Sannat) Ħa sehem il-Kor tal-Parroċċa tan-Nadur Jubilate Deo, taħt id-direzzjoni tal-Kanonku Ġużeppi Grech.

Fuq inizjattiva ta’ Carmelo Bigeni, grupp ta’ madwar erbgħin bandist, ħafna minnhom jaħdmu fl-Isptar Ġenerali, ingħaqdu flimkien fejn ferrħu lil dawk morda b’daqq ta’ marċi.

Wara dawk kollha preżenti fosthom il-bandisti sarilhom riċeviment żgħir ta’ l-okkażjoni. Preżenti kien hemm ukoll is-Superintendent ta’ l-Isptar Ġenerali Dr Anthony Livori.

# Festa ad unur San Ġwann Bosco

Nhar il-Ħadd 1 ta’ Frar, fil-Belt Victoria, ġiet iffestiġġjata l-festa ad unur San Ġwann Bosco.

Filgħodu, fil-Kappella ta’ l-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-*Chorus Urbanus*, taħt it-tmexxija ta’ Mro. John Galea.

Aktar tard matul il-jum, saret parata ta’ żwiemel u ponijiet minn Pjazza San Franġisk sa ħdejn l-Oratorju, fejn sar it-tberik tal-*pets* u annimali minn Dun Ġorġ Mercieca. F’Nofsinhar saret l-ikla tradizzjonali fil-lukanda Calypso, Marsalforn.



Mons Isqof Mario Grech waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali. Fuq ix-xellug tiegħu jidher Mons. George Tabone.

Filgħaxija, fil-Kappella ta’ l-Oratorju, l-Arċipriet tal-Parroċċa Bażilika ta’ San Ġorġ, Mons. Pawlu Cardona, iċċelebra quddiesa. Ħa sehem il-Kor *Laudate Pueri*, taħt it-tmexxija tal-Kanonku Ġorġ Frendo.

Wara marċ mill-Banda Cittadina La Stella minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq Vajringa sa Pjazza Santu Wistin, ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta’ San Ġwann Bosco, xogħol artistiku ta’ Wistin Camilleri,



Għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali attendew fost l-oħrajn il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, il-Membru Parlamentari Frederick Azzopardi u s-Sindku tal-Belt Victoria, Robert Tabone.

li fiha ħadu sehem tfal, żgħażagħ, *Past Pupils* ta’ l-Oratorju flimkien mat-tfal ta’ l-iskejjel sależjani. Akkumpanjat il-purċissjoni l-Banda Cittadina La Stella, b’daqq ta’ innijiet lil San Ġwann Bosco. Mexxa l-purċissjoni Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet.

Mad-dħul lura tal-purċissjoni, ingħatat il-Barka Sagramentali u sar ukoll il-Bews tar-Relikwa.

Aktar tard fis-Sala ta’ l-Oratorju ttella’ d-*Don Bosco Grand Concert* mill-*Gozo Youth Wind Band and Orchestra* taħt it-tmexxija ta’ Mro. Joseph Grech.



Waqt iċ-Ċerimonja tat-tberik ta’ l-annimali. Tidher Tanya Gatt mir-Rabat, Għawdex, biż-żiemel tagħha SKIMMER.

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma’ Charles Spiteri**





Il-Kor tal-Parroċċa tan-Nadur Jubilate Deo, waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali. Jidhru mil-lemin, Maria Buttigieg, Maria Galea, Carmen Hili, Carmen Curmi, Ġuża Vella, Tereza Buttigieg. Fuq wara, Gemma Xuereb, Louise Vella u Joe Buttigieg.



Parteċipanti waqt waħda mis-sessjonijiet fil-kors tal-fitness fil-Kumpless Sportiv.

# Korsijiet tal-*fitness* fil-Kumpless Sportiv

Madwar tletin parteċipant bħalissa qed jattendu żewġ korsijiet tal-*fitness* fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat, Għawdex. Dawn il-parteċipanti, li jattendu darbtejn fil-ġimgħa fuq perjodu ta’ tmien ġimgħat, qed jiġu mħarrġa minn għalliema kwalifikati f’sessjonijiet tal-pilatis, *yoga, aerobics* u *body tonification.* Il-gruppi, li huma maqsuma f’żewġ kategoriji skond l-età, qed jipparteċipaw f’16-il lezzjoni f’kull kors. Dan huwa t-tielet sett konsekutiv ta’ korsijiet, u minħabba domanda kbira, fil-ġimgħat li ġejjin, se jiġi organizzat ir-raba’ sett ta’ korsijiet. Dawn il-korsijiet qed jiġu kkordinati mill-Kumpless Sportiv ta’ Għawdex b’kollaborazzjoni mat-Taqsima tal-Promozzjoni tas-Saħħa fi ħdan l-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex, bil-għan li jippromwovu stil ta’ ħajja aktar b’saħħitha u biex jindirizzaw diversi problemi ta’ saħħa fosthom l-obesità u l-pressjoni għolja.

Il-Kumpless Sportiv ta’ Għawdex, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, kontinwament jaħdem biex itejjeb il-faċilitajiet u s-servizzi li jagħti lill-pubbliku Għawdxi. Xogħlijiet li saru reċentement ġewwa dan il-kumpless, jinkludu l-bini ta’ *gym area* ġdida kif ukoll kamra għall-*weight-lifting*.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta’ Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta’ Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta’ kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta’ **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta’ $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***